

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn Olanda



Olanda

Introduzzjoni

Il-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ir-Regolament (KE) Nru [1896/2006](#), li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2008) tippermetti lill-kredituri jirkupraw it-talbiet transfruntieri ċivili u kummerċjali mhux ikkontestati skont proċedura uniformi li topera abbażi ta' formoli standard. Il-proċedura ma tesiġix il-preżenza l-qorti tal-partijiet. Ir-Regolament japplika fost il-pajjiżi kollha tal-UE bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

Il-Kunsill għall-Ġudikatura (Raad voor de rechtspraak) innomina l-Qorti Distrettwali ta' The Hague (*Rechtbank Den Haag*) bħala l-unika qorti distrettwali kompetenti biex tittratta kawżi ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea. Jekk titressaq dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, il-proċedimenti jistgħu jitkomplew skont ir-regoli ordinarji tal-ġurisdizzjoni territorjali.

Biex jitressaq rikors skont il-proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea, trid tintuża l-Formola A. Il-formola hija disponibbli bil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea fuq is-[sit web](#) tal-Kummissjoni.

Il-formola

Ir-rikorsi jistgħu jiġu ppreżentati lill-Qorti Distrettwali ta' The Hague bl-Olandiż biss.

Ir-rikorsi taħt il-proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea jistgħu jintbagħtu lil:

Rechtbank Den Haag
Sector civiel recht
Algemene Zaken
Postbus 20302
2500 EH Den Haag

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ċempel lir-reġistru tal-Affarijiet Ġenerali tal-qorti (*griffie Algemene Zaken*). In-numru tat-telefown tar-reġistru tal-Affarijiet Ġenerali tal-qorti huwa: +31 (0)70-381 22 64.

Liema tariffi huma applikabbli?

It-tariffi jvarjaw skont l-ammont tat-talba prinċipali. Ara wkoll: [Kemm se nħallas?](#)

Kemm se nħallas?

Ħarsa ġenerali lejn it-[tariffi applikabbli għall-2024](#) tinsab hawn taħt.

	Tariffa tal-qorti għall-persuni mhux fiżiċi	Tariffa tal-qorti għall-persuni fiżiċi	Tariffa tal-qorti għall-persuni b'mezzi limitati
Talba li ma taqbiżx il-€500	€130.00	€87.00	€87.00

Talba għal ammont li jaqbeż il-€500 iżda li ma jaqbiżx l-€1 500	€328.00	€218.00	€87.00
Talba għal ammont li jaqbeż l-€1 500 iżda li ma jaqbiżx l-€2 500	€372.00	€248.00	€87.00
Talba għal ammont li jaqbeż l-€2 500 iżda li ma jaqbiżx il-€5 000	€496.00	€248.00	€87.00
Talba għal ammont li jaqbeż il-€5 000 iżda li ma jaqbiżx it-€12 500	€524.00	€248.00	€87.00
Talba għal ammont li jaqbeż it-€12 500 iżda li ma jaqbiżx il-€25 000	€1 409.00	€706.00	€87.00
Talba għal ammont li jaqbeż il-€25 000 iżda li ma jaqbiżx il-€100 000	€2 889.00	€1 325.00	€87.00
Talba għal ammont li jaqbeż il-€100 000 iżda li ma jaqbiżx il-€1 000 000	€6 617.00	€2 626.00	€87.00

NB: il-kategorija li ġejja MA TIĠIX applikata meta persuna fiżika tkun parti fil-kawża (ara l-Artikolu 3(6) tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (Kawżi Ċivili) (*Wet griffierechten burgerlijke zaken*)). F'dak il-każ, tiġi applikata l-kategorija "Kawżi relatati ma' talba għal ammont li jaqbeż il-€100 000 iżda li ma jaqbiżx il-€1 000 000" għall-partijiet kollha.

Talba għal ammont li jaqbeż il-€1 000 000	€9 825.00	€2 626.00	€87.00
---	-----------	-----------	--------

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ara [Rechtspraak.nl](https://rechtspraak.nl) (Sistema ġudizzjarja tan-Netherlands) u [Bord tal-Għajnuna Legali \(Raad voor Rechtsbijstand\)](#).

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Jekk it-tariffi tal-qorti ma jitħallsux fil-ħin, ir-rikors ma jkunx jista' jgħanna u l-qorti tiċċad ir-rikors.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

Ir-rikorrent jirċievi fattura tal-ħlas tat-tariffi tal-qorti. Il-ħlas jista' jsir permezz ta' trasferiment bankarju.

X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

Wara li tħallas it-tariffi tal-qorti, għandek tistenna għal aktar informazzjoni mill-Qorti Distrettwali ta' The Hague.

Ir-Regolament li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea jistipula li l-qorti jeħtiġilha toħroġ ordni ta' ħlas Ewropea mill-aktar fis possibbli u normalment fi żmien 30 ġurnata minn meta jittressaq ir-rikors.

Links relatati

[Tariffi applikabbli għall-2024](#)

[Rechtspraak.nl](https://rechtspraak.nl)

[Bord tal-Għajnuna Legali \(Raad voor Rechtsbijstand\)](#)

[Ir-Regolament \(KE\) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea](#)

■ L-aħħar aġġornament: 17/06/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.